StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• se tinqralhom l-istorja ***"Għand id-Dentist"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Għand id-Dentist

***L-ewwel parti***

1. Kelli appuntament għand id-dentist. Jien nibża' ħafna mill-injezzjonijiet u bdejt nibża' li jkolli bżonn nimla jew naqla' xi darsa. Ommi riedet li nibda mmur niċċekkja snieni kull sitt xhur bħalma jagħmlu hi u missieri.

2. Kien l-Erbgħa, 2 ta' Settembru, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, meta wasalna Raħal Ġdid. Kien hemm xi nies qabilna. Imwerwer kif kont, intfajt fuq sufan u bdejt inħares madwari.

3. Kien hemm xi powsters b'kitba li tgħid biex ma niklux ħlewwiet u biex naħslu sniena għall-inqas darbtejn kuljum.

4. Kien hemm mara li kienet tidher muġugħa. Kellha n-naħa tal-lemin ta' wiċċha minfuħ. Maġenbha kien hemm xiħ kalm. Bejni u bejn ruħi bdejt naħseb li dan ġie biex jagħmel xi dentatura.

***It-tieni parti***

5. Ħin minnhom ħareġ id-dentist u għajjat kunjomna. Qalbi għamlet tikk. Wiċċi sfar u bdejt inħoss l-għaraq ixoqq għalija.

6. Dħalt f'kamra nadifa tazza. Id-dentist talabni niftaħ ħalqi u beda jħares u jeżamina snieni. Qalli li ma kelli xejn kbir imma kelli daqsxejn tal-ġebla mas-snien u li kien ser inaddafli snieni.

7. Jien mill-ewwel qbadt nippanikkja għax l-ewwel ħaġa li ġiet f'moħħi kienet l-injezzjoni. Għajnejja mill-ewwel imtlew bid-dmugħ. Hu spjegali li kien se jdaħħal magna żgħira u jdur ma' snieni.

8. Kieku taf kemm ħassejtni aħjar meta spiċċa kollox, bejn għax kont sejjer 'il barra u kienu se jgħaddu sitt xhur oħra biex forsi jerġa' jarani d-dentist, u bejn għax snieni tassew kienu jinħassu u jidhru aħjar.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

*L-ewwel parti*

1. Ma' min kellu appuntament dan it-tifel?
   Mat-tabib
   Mad-dentist
   Mal-mekkanik
   Mal-barbier

2. X'inhu x-xogħol tad-dentist?
   Ifejjaq il-morda
   Isewwi l-karozzi
   Jieħu ħsieb snienna
   Jaqta' x-xagħar

3. Minn xiex kien jibża' dan it-tifel?
   Mill-uġigħ
   Mit-tajjar
   Mill-injezzjoni
   Mid-dentist

4. Kull kemm suppost tiċċekkja snienek?
   Kull sitt xhur
   Kull sena
   Kull ġimgħa
   Kull xahar

5. Fejn kienet il-klinika tad-dentist?
   Wied il-Għajn
   Raħal Ġdid
   Ir-Raħal il-Qadim
   Ir-Rabat

6. Fejn kellha minfuħ il-mara li kienet tistenna?
   Snienha
   Mneħirha
   In-naħa tax-xellug ta' wiċċha
   In-naħa tal-lemin ta' wiċċha

7. Min kien hemm iktar jistenna lid-dentist?
   Tifel żgħir
   Mara xiħa
   Raġel oħxon
   Xiħ kalm

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*It-tieni parti*

8. X'ħareġ jgħajjat id-dentist?
   - Numru
   - Kunjom
   - Ittra
   - Isem

9. Xi tfisser 'qalbi għamlet tikk'?
   - Qalbi waqfet
   - Bdejt nibża'
   - Qalbi qabdet tħabbat
   - Naqta' nifsi

10. X'qallu li kellu d-dentist lit-tifel?
    - Darsa qed tiċċaqlaq
    - Fjammazzjoni fil-ħanek
    - Darsa mħassra
    - Il-ġebla ma' snienu

11. X'ried jagħmillu d-dentist?
    - Inaddaflu snienu
    - Jagħmillu snienu lixxi
    - Jimlielu snienu
    - Jagħmillu dentatura

12. X'għamel it-tifel?
    - Beda jgħajjat
    - Qam u telaq 'il barra
    - Tah ħass ħażin
    - Kien se jibki

13. Għaliex it-tifel ħassu aħjar wara?
    - Għax qatt aktar ma kien sejjer għand dentist
    - Għax snienu kienu jinħassu u jidhru aħjar
    - Għax kien għadu kif beka bikja
    - Għax kien għadu kif ħa banju

14. Meta kien imissu appuntament ieħor għand id-dentist dan it-tifel?
    - Fi żmien ħames xhur
    - Fi żmien sitt xhur
    - Fi żmien sena
    - Fi żmien xahar

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

| | | |
|---|---|---|
| Marki: | 1 – 13 | (marka kull waħda) |
| | 14 | (2 marki) |

**Total: 15-il marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Ma' min kellu appuntament dan it-tifel?
   - Mat-tabib
   - Mad-dentist
   - Mal-mekkanik
   - Mal-barbier

2. X'inhu x-xogħol tad-dentist?
   - Ifejjaq il-morda
   - Isewwi l-karozzi
   - Jieħu ħsieb snienna
   - Jaqta' x-xagħar

3. Minn xiex kien jibża'?
   - Mill-uġigħ
   - Mit-tajjar
   - Mill-injezzjoni
   - Mid-dentist

4. Kull kemm suppost tiċċekkja snienek?
   - Kull sitt xhur
   - Kull sena
   - Kull ġimgħa
   - Kull xahar

5. Fejn kienet il-klinika tad-dentist?
   - Wied il-Għajn
   - Raħal Ġdid
   - Ir-Raħal il-Qadim
   - Ir-Rabat

6. Fejn kellha minfuħ il-mara li kienet tistenna?
   - Snienha
   - Mneħirha
   - In-naħa tax-xellug ta' wiċċha
   - In-naħa tal-lemin ta' wiċċha

7. Min kien hemm iktar jistenna lid-dentist?
   - Tifel żgħir
   - Mara xiħa
   - Raġel oħxon
   - Xiħ kalm

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***It-tieni parti***

8. X'ħareġ jgħajjat id-dentist?
   - Numru
   - Kunjom
   - Ittra
   - Isem

9. Xi tfisser 'qalbi għamlet tikk'?
   - Qalbi waqfet
   - Bdejt nibża'
   - Qalbi qabdet tħabbat
   - Naqta' nifsi

10. X'qallu li kellu d-dentist lit-tifel?
    - Darsa qed tiċċaqlaq
    - Fjammazzjoni fil-ħanek
    - Darsa mħassra
    - Il-ġebla ma' snienu

11. X'ried jagħmillu d-dentist?
    - Inaddaflu snienu
    - Jagħmillu snienu lixxi
    - Jimlielu snienu
    - Jagħmillu dentatura

12. X'għamel it-tifel?
    - Beda jgħajjat
    - Qam u telaq 'il barra
    - Tah ħass ħażin
    - Kien se jibki

13. Għaliex it-tifel ħassu aħjar wara?
    - Għax qatt aktar ma kien sejjer għand dentist
    - Għax snienu kienu jinħassu u jidhru aħjar
    - Għax ma bekiex
    - Għax kien għadu kif ħa banju

14. Meta kien imissu appuntament ieħor għand id-dentist dan it-tifel?
    - Fi żmien ħames xhur
    - Fi żmien sitt xhur
    - Fi żmien sena
    - Fi żmien xahar

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IR-RABA' SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem : ________________________________

Klassi : ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**Malti 2009**




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sew din is-silta.**

**<u>Sena Ġdida</u>**

Wara sajf immur il-baħar, wasal Settembru u reġgħet bdiet l-iskola. Kont tiela' fir-raba' klassi. Kont ħerqan se ntir għax kont se nkun fi klassi ġdida u kont se nerġa' niltaqa' ma' sħabi tal-klassi tas-sena l-oħra. Kelli kurżità kbira biex nara min kien se jgħallimni din is-sena! *(par. 1)*

Kien it-22 ta' Settembru meta fetħet l-iskola u aħna t-tfal dħalna bi ħġarna niġru l-iskola. Kulħadd kien ferħan se jtir! L-iskola kienet tidher aħjar għax fis-sajf kienu bajdu l-klassijiet u żejnuhom b'purtieri ġodda. Kienu għamlulna l-bibien u t-twieqi ġodda wkoll. Il-klassi tagħna kienet fl-ewwel sular. L-għalliema tagħna kienet se tkun Ms Sammut. Fil-klassi, sibna erba' kompjuters ġodda u minflok il-*whiteboard* kellna xi ħaġ'oħra. Kien jixbah ħafna l-*whiteboard* normali, imma l-għalliema kienet tqabbdu mal-*laptop* tagħha. Biex tikteb fuqu kellha qisu lapes speċjali li l-għalliema kienet issejjaħ *pen,* u qaltilna li dan il-bord speċjali kien jissejjaħ *whiteboard* interattiv. *(par. 2)*

Meta bdiet il-lezzjoni, l-għalliema bdiet toħroġ l-istampi biex tibda l-lezzjoni tas-Suġġetti Soċjali. Kienet qiegħda tuża l-*internet*. Xi ġmiel! Kien qisu kompjuter kbir! Aħna kollha ridna nużawh. Stajna niktbu, nibdlu l-*fonts*, nagħtu l-kulur, inħassru, nilagħbu xi logħba edukattiva li tkun ippreparat l-għalliema u nisimgħu l-istejjer minn fuq l-*internet*. Qisek qed tuża kompjuter normali imma ma tużax il-*mouse*. *(par. 3)*



Dakinhar filgħaxija mort lura d-dar u bdejt nirrakkonta b'eċċitament x'sibna l-iskola. Kelli seba' mitt sena sakemm jisbaħ l-għada ħalli nerġa' mmur l-iskola! *(par. 4)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'**sentenzi sħaħ**.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(22 marka)***

1. Meta tibda l-iskola? (*par. 1*)

_______________________________________________ (1)

2. F'liema sena kien tiela' dan it-tifel? *(par. 1)*

_______________________________________________ (1)

3. Għaliex l-iskola kienet tidher aħjar? *(par. 2)*

_______________________________________________ (1)

4. Fejn kienet il-klassi ta' dan it-tifel? (*par. 2*)

_______________________________________________ (1)

5. Min kienet l-għalliema? (*par. 2*)

_______________________________________________ (1)

6. Kemm kellhom kompjuters fil-klassi? (*par. 2*)

_______________________________________________ (1)

7. X'kellhom ġdid ukoll fil-klassi? (*par. 2*)

_______________________________________________ (1)

8. Ma' xiex kienet tqabbad il-*whiteboard* interattiv l-għalliema? *(par. 2)*

_______________________________________________ (1)

9. Biex kienu jiktbu fuqu? *(par. 2)*

_______________________________________________ (1)

10. X'setgħu jagħmlu fuq dan il-*whiteboard* interattiv? (Semmi tal-inqas żewġ affarijiet) *(par. 3)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

11. X'għamel dan it-tifel meta mar id-dar? *(par. 4)*

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

12. Veru li l-għada, it-tifel ma riedx imur skola? *(par. 4)*

______________________________________________________________ (1)

13. Agħżel l-aħjar tifsira għal dawn l-espressjonijiet.
(Immarka billi tagħmel ✓)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Ferħan se jtir (*par. 2*) | beda jtir bħal għasfur | |
| | | xtaq itir | |
| | | kien ferħan ħafna | |
| b. | Kelli seba' mitt sena (*par. 4*) | kont ħerqan | |
| | | kont xiħ ħafna | |
| | | kont għadni kif għalaqt seba' mitt sena | |

(4)

14. Agħti s-singular ta' dan il-kliem :

| | |
|---|---|
| klassijiet (*par. 2*) | **klassi** |
| tfal (*par. 2*) | |
| twieqi (*par. 2*) | |
| bibien (*par. 2*) | |
| kompjuters (*par. 2*) | |
| stampi (*par. 3*) | |
| stejjer (*par. 3*) | |

(6)

*B. Imla l-vojt bil-pronomi.* ***(8 marki)***



**<u>Int</u>** qatt sifirt? __________ mort sal-Italja fis-sajf. Mort mal-ġenituri u ma' ħija. Għall-ewwel kienu ġejjin il-kuġini tagħna wkoll imma mbagħad ma ġewx. __________ marru Franza minflok. __________ domna ġimgħa biss, imma dorna mhux ħażin. Il-papà

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

kien joqgħod ifissrilna ħafna affarijiet interessanti. __________ kien jieħu jispjega u __________ qatt ma ddejjaqna nisimgħuh. Il-mamà kienet tixtrilna x ħaġa kuljum għax __________ hekk imdorrija tagħmel. Jekk __________ u l-familja qatt ma sifirtu, araw x'tagħmlu u siefru! Tistgħu tgħiduli x'__________ tistennew?

| | |
|---|---|
| *Ċ. Nissel nomi mill-kliem fil-parentesi.* | ***(5 marki)*** |



Eżempju : Dejjem naqdef xi **qadfa** meta noħroġ man-nannu bid-dgħajsa. *(jaqdef)*

1. Ħafna drabi billejl noħlom xi _____________. *(joħlom)*
2. Ma' sħabi dejjem ngħaddih iż-żmien għax ngħid xi ____________. *(jitkellem)*
3. Inħobb immur nara xi film ma' missieri għax dejjem nidħak xi __________. *(jidħak)*
4. Is-Sibt filgħaxija dejjem noħorġu ____________ flimkien man-nanniet. *(joħroġ)*
5. Fis-sajf dejjem naqbeż xi ____________ fil-baħar. *(jaqbeż)*

| |
|---|
| *D. Imla l-vojt b'espressjonijiet addattati.*<br>*Kull espressjoni tibda b'kulur, bħall-eżempju.*<br>***(5 marki)*** |

Il-Ħadd li għadda, is-sema kien **ikħal nir**, lanqas sħaba waħda ma kienet tidher. L-omm kienet xi ftit inkwetata. Biex tfittex ftit tal-mistrieħ, hija ddeċidiet li tieħu lil uliedha fil-kampanja. Peress li kienet ir-rebbiegħa, il-wiċċ

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

tal-għalqa kien ___________________________. Iż-żewġ subien tgħ[...] kemm ġrew u telgħu ma' siġar. Wiċċhom kien ___________________________ daqskemm bdew iħossu sħana. Il-flokk li xi darba kien ___________________________ bl-indafa, issa kien ___________________________ bil-ħmieġ u d-daqqiet tal-ballun. F'daqqa waħda wiċċ l-omm sar ___________________________ u ħassitha ma tiflaħx. It-tfal malajr ċemplu lil missierhom biex żgur ma jħallux lil ommhom issuq lura lejn id-dar.



*E. Agħti l-kontra tal-kliem fil-parentesi ħalli tikteb l-aġġettiv it-tajjeb.* ***(5 marki)***

1. Ilbieraħ filgħaxija qrajt storja **sabiħa** *(kerha)* ħafna.
2. Kienet fuq skarpan ____________ *(għażżien)* li kien jaħdem fil-ħanut tiegħu minn filgħodu sa filgħaxija bla waqfien.
3. L-iskarpan u martu kienu ____________ *(sinjuri)* u għalhekk kienu jispiċċaw lanqas ikollhom x'jieklu jekk ma jbigħux xi par żarbun.
4. Darba waħda, filgħaxija, dan l-iskarpan ____________ *(żagħżugħ)* marret għajnu bih u raqad.
5. Xħin stenbaħ isib ħames pari żraben ____________ *(qodma)* iżda ma kienx jaf min ħadimhomlu.
6. L-għada għamel ta' birruħu li raqad u qabad żewġ nani ____________ *(kbar)* li bdew jaqbdu l-ġilda u jaħdmuha fi żraben ġodda.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*F. Agħżel l-aħjar kelma u iktibha fil-paragrafu.* ***(5 ma***

| | |
|---|---|
| ***buqar*** | *borma* |
| *kitla* | *xkora* |
| *faxx* | *sorra* |

Nhar is-Sibt li għadda mort s'għand in-nanna. In-nanna toqgħod fi dwejra ħelwa f'Ħal Farruġ. Il-bieb kien imbexxaq. Kif dħalt, fuq il-mejda kien hemm **buqar** ilma. Kellha ______________ misħun tbaqbaq u fuq in-nar kellha ______________ brodu. Kien għad hemm ______________ patata u ______________ basal fejn il-borma. In-nanna kienet fil-bitħa. Kellha ______________ ħwejjeġ ġo kannestru. Kienet qed tonxor. Malajr mort niġri ngħinha.



*Ġ. Daħħal Nomi Proprji.* ***(5 marki)***

Dan ir-raħal ċkejken hu **Ħaż-Żebbuġ**. Hawn joqgħod il-ħabib tiegħi ______________. Hu joqgħod f'dar numru sitta, fi Triq il-______________. Id-dar hija mdawra bi ġnien sabiħ. Mit-triq prinċipali jgħaddu ħafna karozzi. Missier il-ħabib tiegħi, ______________, isuq karozza tal-linja. Ommu għandha ħanut tal-ħelu jismu "____________________". Oħtu, ______________, akbar minnu u taħdem bħala infermiera.







www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*G. Daħħal l-artiklu.* **(5 marki)**



Nhar **<u>is-</u>**Sibt li għadda, fuq ____televixin bdejt nisma' fuq wieħed mill-kontinenti. ____ foresti tal-Afrika huma kbar u fihom jgħixu ____ tigri, ____ ljuni, ____ ċriev u numru kbir ta' annimali differenti.

*Għ. Agħżel il-partiċella t-tajba billi taqta' sing taħtha.* **(5 marki)**

1. Jien immur l-iskola (bi, sa, **<u>ma'</u>**) ħija.
2. Għandi lapes aħdar (bħal, lil, ma') ta' Mandy.
3. Xtrajt rigal sabiħ (xi, għal, fi) Karl.
4. (Bi, Ma', Sa) ftit flus nixtri ftit ħelu.
5. (Bħal, Minn, Ta') San Ġiljan (minn, lil, sa) tas-Sliema, indumu ħames minuti bil-karozza.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*H. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar* ***wieħed*** *minn dawn:* **(20 marka)**




**1. L-Omm fil-ħajja tagħna**

*Ikteb dwar l-importanza tal-omm jew ta' dawk in-nies li jieħdu postha fil-ħajja tagħna.*



**2. Jiena nieħu gost nieħu r-ritratti**

*Ikteb dwar dan il-passatemp. Tista' tikteb ukoll dwar x'ritratti tieħu gost tieħu u għalfejn.*



**3. Il-kompjuter fil-ħajja tiegħi.**

*Ikteb dwar x'użu għandu l-kompjuter fil-ħajja tiegħek.*



**4. Il-ħabib/a tiegħi**

*Iddeskrivi l-ħabib/a favorit/a tiegħek.*

**5. Ġurnata fil-kampanja**

*Għid kif qattajt ġurnata fil-kampanja u x'ħadt miegħek. Ikteb x'rajt u x'għamilt.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Tmiem il-Karta*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers